MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2006

Numru 582/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**Vs**

Richard Formosa
Raymond Galea
Jason Buttigieg
David Grech
Lee Josef Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputati Richard Formosa detentur ta' karta ta' identita' numru 283969(M), Raymond Galea detentur ta' karta ta' identita' numru 427769(M), Jason Buttigieg detentur ta' karta ta' identita' numru 282572(M), David Grech detentur ta' karta ta' identita'

numru 198083M) u Lee Josef Azzopardi detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 335284(M), akkuzati talli:

B’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’resoluzzjoni wahda u cioe’:

Lil Richard Formosa, Raymond Galea, Jason Buttigieg u David Grech wehidhom talli fis-6 ta’ Mejju, 2005 u f’diversi granet matul ix-xhur ta’ qabel din id-data kkommettew serq ta’ diversi prodotti tal-laham mill-fabbrika numru A/52 tal-kumpanija bl-isem ‘Jolly Bacon Ltd.’ sitwata fil-Qasam Industrijali tal-Marsa ghad-dannu tad-dirigenti tal-imsemmija kumpanija, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u li ma jaccediex l-elf lira.

Lil Josef Lee Azzopardi wahdu, talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, rrenda ruhu komplici meta b’xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat.

Lil Lee Josef Azzopardi wahdu, talli fl-istess zmenijiet u cirkostanzi, ikkommetta reati ta’ komplicita’ f’serq aggravat waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin datata 22 ta’ April, 2004 imposta fuqu mill-Magistrat Dr J Padovani Grima LL.D.

Lil Richard Formosa, Raymond Galea, Jason Buttigieg, David Grech u Lee Josef Azzopardi talli fl-istess zmenijiet u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu biex jbieghuhom jew imexxuhom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputati Richard Formosa, Raymond Galea u David Grech fl-udjenza tal-5 ta’ Settembru, 2005 jirregistraw ammissjoni li fiha insistew anka wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw.

Semghet lill-imputat Jason Buttigieg jirregistra ammissjoni fl-udjenza tat-3 ta' Frar, 2006 fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Semghet lill-imputat Josef Azzopardi jirregistra ammissjoni fl-udjenza tas-6 ta' Frar, 2006 fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Semghet fl-istess udjenza tas-6 ta' Frar, 2006 l-imputati l-ohra isostnu fuq l-ammissjoni.

Semghet lill-ufficjal prosekutur jixhed.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Fil-konfront ta' l-ewwel erba' imputati imsemmija l-akkuza hija dik ta' serq kkwalifikat bil-persuna u valur li ma jeccediex l-Lm1000 u in alternattiva dik ta' ricettazzjoni.

Fil-konfront ta' l-imputat l-iehor l-akkuza hija ta' komplicita' fis-serq u ksur ta' perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Ta' dawn l-akkuzi l-imputati rregistraw ammissjoni volontarja u nkondizjonata.

Rat dwar il-piena l-Artikolu 261(c)(d), 267, 268, 279, 280, 42, 43, 45, 46, 28A, 28B tal-Kap 9 tiddeciedi:

1. fil-konfront tal-imputati Richard Formosa, Raymond Galea, Jason Buttigieg, Jason Grech li tapplika kontra taghhom l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u tilliberahom taht kondizzjoni li ma jghamlux reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn mill-lum.

2. fil-konfront tal-imputat Josef Azzopardi li tapplika l-Artikolu 28B tal-Kap 9 billi tordna li tigi varjata l-perjodu tas-sentenza sospiza (originali) billi timponieha ghall-perjodu ta' erba' snin dekorribbli mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------